2025/368

21.2.2025

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/368

tal-25 ta' Novembru 2024

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/256 fir-rigward tal-ippjanar kontinwu pluriennali għad-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/256 [2] jistabbilixxi ppjanar kontinwu pluriennali għall-ġbir tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2019/1700 mill-2021 sal-2028.

(2) Biex ikun żgurat li l-ippjanar kontinwu pluriennali jkun effettiv u konsistenti mal-ħtiġijiet tal-utenti, dan jeħtieġ jiġi adattat billi jiġi speċifikat is-suġġett *ad hoc* li jrid jiġi kopert mill-modulu *ad hoc* għall-2027 tal-Istħarriġ Ewropew dwar l-Introjtu u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien (EU-SILC) għax dan ma kienx magħruf waqt l-adozzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/256.

(3) L-adattamenti tal-ippjanar kontinwu pluriennali jridu jidħlu fis-seħħ sa mhux aktar tard minn 24 xahar qabel jibda kull perjodu tal-ġbir tad-*data*, kif speċifikat fl-ippjanar tal-ġbir tad-*data* annwali jew infrannwali.

(4) Għaldaqstant, ir-Regolament Delegat (UE) 2020/256 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2020/256 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 261I, 14.10.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1700/oj.

[2] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/256 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi ppjanar kontinwu pluriennali (ĠU L 54, 26.2.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/256/oj).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2020/256, il-Parti B hija sostitwita b'dan li ġej:

"Parti B: Perjodu tal-ġbir tad-*data* għad-dominji li għandhom bosta perjodiċitajiet

Dominji	Gruppi (akronimi)	Snin tal-ġbir tad-*data*							
		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	2028
Forza tax-Xogħol	Trimestrali (LFQ)	Kull kwart	Kull kwart	Kull kwart	Kull kwart	Kull kwart	Kull kwart	Kull kwart	Kull kwart
	Annwali (LFY)	X	X	X	X	X	X	X	X
	'Raġunijiet għall-migrazzjoni' u 'arranġamenti tal-ħin tax-xogħol' (LF2YA)	X		X		X		X	
	'Parteċipazzjoni f'edukazzjoni u taħriġ formali u mhux formali (12-il xahar)', 'Diżabbiltà u elementi oħra tal-Modulu Minimu tas-Saħħa fl-Ewropa' u 'Elementi tal-Modulu Minimu tas-Saħħa fl-Ewropa' (LF2YB)		X		X		X		X
	Sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-migranti u tad-dixxendenti immedjati tagħhom (LF8YA)	X							
	Pensjonijiet u parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol (LF8YB)			X					
	'Żgħażagħ fis-suq tax-xogħol' u 'Livell edukattiv milħuq – dettalji, inkluż l-edukazzjoni interrotta jew abbandunata' (LF8YC)				X				
	Rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-ħajja tal-familja (LF8YD)					X			
	Organizzazzjoni tax-xogħol u arranġamenti tal-ħin tax-xogħol (LF8YE)							X	
	Inċidenti fuq il-lant tax-xogħol u problemi tas-saħħa relatati max-xogħol (LF8YF)								X

Dominji	Gruppi (akronimi)	Snin tal-ġbir tad-*data*							
		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	2028
	Suġġett *ad hoc* dwar il-ħiliet tal-impjiegi		X						
	Suġġett *ad hoc* dwar l-impjiegi tal-pjattaformi diġitali						X		
Introjtu u Kundizzjonijiet tal-Għajxien	Annwali (ILCY)	X	X	X	X	X	X	X	X
	Tfal (ILC3YA)	X			X			X	
	Saħħa (ILC3YB)		X			X			X
	Suq tax-Xogħol u Akkomodazzjoni (ILC3YC)			X			X		
	Kwalità tal-ħajja (ILC6YA)		X						X”
	Trażmissjoni interġenerazzjonali tal-iżvantaġġi u Diffikultajiet tal-abitazzjoni (ILC6YB)			X					
	Aċċess għas-servizzi (ILC6YC)				X				
	Dejn eċċessiv, konsum u ġid (ILC6YD)						X		
	Suġġett *ad hoc* dwar Arranġamenti u kundizzjonijiet tal-għajxien tat-tfal f'familji separati jew imħallltin	X							
	Suġġett *ad hoc* dwar l-Effiċjenza enerġetika tal-unitajiet domestiċi			X					
	Suġġett *ad hoc* dwar l-Enerġija u l-Ambjent					X			
	Suġġett *ad hoc* dwar is-Saħħa u l-benesseri mentali							X	

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/368/oj